MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 68/2015 LM

**Saviour Falzon (K.I. 236548M), Josephine Bonavia (K.I. 312240M), Paul Falzon (K.I. 203544M), Carmen Quintano (K.I. 340539M), Elizabeth Lofaro (K.I. 164953M), Lilian Falzon (K.I. 373860M), Phyllis Falzon (K.I. 24742M), Daniela Falzon (K.I. 86673M), Graziella Falzon (K.I. 334274M), u Edward Falzon (K.I. 430776M)**

***vs.***

**Mario Falzon (K.I. 61951M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Jannar, 2015 mill-atturi **Saviour Falzon** (K.I. 236548M), **Josephine Bonavia** (K.I. 312240M), **Paul Falzon** (K.I. 203544M), **Carmen Quintano** (K.I. 340539M), **Elizabeth Lofaro** (K.I. 164953M), **Lilian Falzon** (K.I. 373860M), **Phyllis Falzon** (K.I. 24742M), **Daniela Falzon** (K.I. 86673M), **Graziella Falzon** (K.I. 334274M), u **Edward Falzon** (K.I.

430776M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn **Saviour Falzon** stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti kollha ħlief għal Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon kif ukoll l-intimat huma lkoll aħwa, ulied il-mejtin Emmanuele Falzon u Annunziata Falzon xebba Sammut;*

2. *Illi r-rikorrenti Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon huma lkoll ulied il-mejjet Alfred Falzon, li miet nhar is-7 ta' Ottubru, 2008, u li jiġi ħu r-rikorrenti l-oħra u anke ħu l-intimat;*

3. *Illi fl-24 ta' Awwissu, 2012 mietet Annunziata Falzon, omm ir-rikorrenti u l-intimati, u li tiġi wkoll in-nanna paterna tar-rikorrenti l-oħra Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon;*

4. *Illi l-wirt tal-mejta Annunziata Falzon huwa regolat skont it-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tal-24 ta' Settembru, 1979 li permezz tiegħu istitwiet bħala eredi universali tagħha lil uliedha kollha fi kwoti ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni tal-ulied fil-każ ta' premorjenza u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skont il-liġi;*

5. *Illi fis-snin 2006 u 2007, Annunziata Falzon kienet silfet is-somma komplessiva ta' mija sitta u tmenin elf, tliet mija u disgħa u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€186,349.87), ekwivalenti għas-somma ta' tmenin elf Liri Maltin lill-intimat Mario Falzon għal skopijiet kummerċjali suġġett għall-imgħax ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, kif jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

6. *Illi l-intimat ħallas l-imgħaxijiet dovuti lil ommu sas-sena 2007, iżda ma reġax ħallas ebda imgħaxijiet fuq il-kapital misluf;*

7. *Illi llum illi Annunziata Falzon mietet, ir-rikorrenti qed jippretendu illi l-intimat jirrestitwixxi sehemhom mill-istess somma mislufa lilu flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;*

8. *Illi bħala sehemhom mill-kwota ereditarja spettanti lilhom minn dan is-self, hija dovuta lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti s-somma ta' €20,705.45 ħlief għar-rikorrenti Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon billi hija dovuta lilhom is-somma ta' €6,901.81 kull wieħed spettanti sehemhom mill-istess kwota ereditarja;*

9. *Illi wara li ntbagħtet ittra uffiċjali lill-intimat sabiex jirrestitwixxi dik il-parti tal-kapital dovut lill-esponenti, u kopja tagħha qed tiġi hawn annessa, huwa ddepożita s-somma ta' €20,705.45 favur ir-rikorrenti Saviour Falzon, is-somma ta' €20,705.45 favur ir-rikorrenti Josephine Bonavia, is-somma ta' €20,705.45*

*favur ir-rikorrenti Elizabeth Lofaro, is-somma ta' €20,705.45 favur ir-rikorrenti Carmen Quintano, is-somma ta' €20,705.45 favur ir-rikorrenti Lilian Falzon, is-somma ta' €6,901.82 favur ir-rikorrenti Daniela Falzon, is-somma ta' €6,901.82 favur ir-rikorrenti Graziella Falzon, u s-somma ta' €6,901.82 favur ir-rikorrenti Edward Falzon, filwaqt illi ma ġiet iddepożitata ebda somma favur ir-rikorrenti Paul Falzon jew Phyllis Falzon, u kopja taċ-ċedoli ta' depożitu relattivi qed tiġi esebita u mmarkata Dokument "E" sa "L";*

10. *Illi f'tali ċedoli li saru mill-intimat, qed jingħad illi Annunziata Falzon iddeċidiet illi ma żżommx iktar imgħax wara li għaddiet sena mid-data tas-self lilu u għaldaqstant, tali offerta hija inaċċettabbli għar-rikorrenti;*
11. *Illi huwa dovut lir-rikorrenti sehemhom mis-somma mislufa flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;*
12. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, għar-raġunijiet premessi:-*

1. *Tiddikjara jekk inhu l-każ illi hija dovuta s-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u ħames Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€20,705.45) lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti ħlief għar-rikorrenti Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon, rappreżentanti sehemhom mis-somma mislufa lill-intimat minn ommhom Annunziata Falzon u li tirrappreżenta sehemhom mill-kwota ereditarja spettanti lilhom mis-somma mislufa minn ommhom lill-intimat flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;*
2. *Tiddikjara jekk inhu l-każ illi hija dovuta s-somma ta' sitt elef, disa' mija u Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€6,901.82) lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon, rappreżentanti sehemhom mis-somma mislufa lill-intimat minn nannithom* (recte) *Annunziata Falzon, u li tirrappreżenta sehemhom mill-kwota ereditarja spettanti lilhom mis-somma mislufa minn nannithom* (recte) *lill-intimat flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;*
3. *Tillikwida l-imgħaxijiet dovuti lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti fuq sehem kull rikorrenti mis-somma mislufa u li huma pagabbli sa mis-sena 2007, occorrendo bil-permess tal-ħatra ta' periti nominandi;*
4. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti is-sehem spettanti lil kull wieħed minnhom mis-somma mislufa flimkien mal-imgħaxijiet li jiġu hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-5 ta' Mejju 2014 u bl-imgħaxijiet dovuti sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat inġunt minn issa in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-konvenut **Mario Falzon** (K.I. 61951M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fl-10 ta' April, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1) *Illi fl-ewwel lok għandu jiġi ppruvat li l-attriċi Phyllis Falzon verament tat il-kunsens tagħha biex tipproponi din il-kawża kontra l-eċċipjent;*

2) *Illi in kwantu għall-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, il-pretensjoni tagħhom għall-ħlas ta' kwalsiasi mgħax fuq is-somma kapitali li l-konvenut kien issellef mingħand ommu hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li:*

   (a) *Omm il-konvenut kienet fil-ħajja tagħha rrinunzjat li tieħu imgħax mingħand l-eċċipjent kif kellha kull dritt li tagħmel u riedet biss lura s-somma kapitali mislufa;*

   (b) *Fit-Tielet Artikolu tal-aħħar testment tagħha, omm l-eċċipjent eżentat lil uliedha milli jikkonferixxu fil-massa ereditarja dak kollu li huma kienu ħadu mingħandha u għalhekk l-eċċipjent mhuwiex obbligat li jikkonferixxi fil-massa ereditarja l-imgħax li hija ħafritlu;*

   (c) *L-istess atturi kienu aċċettaw li l-eċċipjent ma kellux iħallashom xi mgħax iżda biss ir-ritorn tal-kapital;*

   (d) *Uħud mill-istess atturi inkluż Alfred Falzon (missier l-atturi Daniela, Graziella u Edward aħwa Falzon) kienu wkoll issellfu flus mingħand omm l-eċċipjent mingħajr interessi.*

3) *Illi in kwantu għat-tielet talba attriċi, din hija infondata sija għar-raġunijiet fuq imsemmija u sija għaliex, bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ, mhuwiex minnu li hemm xi mgħaxijiet dovuti mis-sena 2007.*

4) *Illi r-raba' talba, filwaqt li hija infondata dwar l-imgħax għar-raġunijiet fuq imsemmija, hija wkoll infondata fir-rigward tas-somma kapitali għaliex:*

   (a) *Saru diversi offerti verbali u bil-miktub għall-ħlas tas-somma kapitali lill-atturi;*

(b) *Meta l-atturi ma aċċettawx tali ħlas, is-sehem ta' kull wieħed u waħda minnhom inkluż l-attur Paul Falzon (vide Dok. MF1), però eċċettwata l-attriċi Phyllis Falzon, ġew depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti fil-11 ta' Lulju, 2014 ċioe oltre sitt xhur qabel ma ġiet preżentata l-kawża odjerna.*

5) *Illi għalhekk lanqas ma għandu l-konvenut jeħel xi spejjeż ġudizzjarji tal-kawża odjerna.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rati in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet, u semgħet it-trattazzjoni finali li saret mid-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2019.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-partijiet f'din il-kawża huma lkoll aħwa, ulied id-defunti Emmanuele u Annunziata Falzon, ħlief għal Daniela, Graziella u Edward Falzon, ulied il-mejjet Alfred, li jiġi wkoll ħu l-atturi l-oħra u ħu l-konvenut f'din il-kawża. Il-kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet wara l-mewt ta' ommhom Annunziata, li ġiet nieqsa fl-24 ta' Awwissu, 2012, u speċifikament meta tnejn minn uliedha Saviour u Paul Falzon marru fl-uffiċċju tan-Nutar Nicolette Vella, li kienet ġiet

inkarigata mill-konvenut sabiex tieħu ħsieb l-affarijiet marbuta mas-suċċessjoni ta' ommhom, u din infurmathom li ommhom kienet silfet l-is-somma ta' LM80,000, ekwivalenti għal €186,349.87 lil ħuhom Mario Falzon, li kellu din is-somma fil-pussess tiegħu sabiex tinqasam bejn l-aħwa. Oriġinarjament ħadd mill-aħwa ma kien jaf jew seta' jistabbilixxi jekk din is-somma flus kinitx ingħatat lill-konvenut b'rata ta' imgħax fuqha. Iżda sussegwentement waħda mill-aħwa, Phyllis Falzon, li baqgħet tgħix fl-istess dar tal-ġenituri tagħha flimkien mal-konvenut, kienet sabet *notebook* b'xi notamenti ta' ommha rigward dan is-self. Wara numru ta' ġimgħat, l-attriċi Elizabeth Lofaro wkoll kienet infurmat lil ħutha li hija kellha fil-pussess tagħha dokument li kien inkiteb mill-konvenut stess b'dettalji dwar il-flus li hu kien issellef mingħand ommu, u fejn ġie stabbilit li hu kellu jħallas imgħax bir-rata ta' 5% fis-sena. Min-notamenti tal-omm, irriżulta li l-konvenut ħallasha imgħax għas-sena 2007 fuq l-ammont misluf lilu ta' LM80,000, iżda sussegwentement dan ma ħallas ebda mgħaxijiet oħra. L-atturi kienu saħansitra bagħtu ittra uffiċjali lil ħuhom li permezz tagħha dan ġie infurmat li ħutu kienu qegħdin jippretendu l-ħlas tal-kapital bl-imgħaxijiet dovuti fuqu, u in segwitu għal dan, il-konvenut kien iddepożita permezz ta' ċedola fir-Reġistru tal-Qorti s-sehem tal-kapital li jmiss lil uħud mill-atturi, għalkemm ma ġiet iddepożitata l-ebda somma favur l-atturi Phyllis u Paul Falzon. Il-konvenut baqa' jinsisti li mhu dovut minnu l-ebda ħlas ta' mgħaxijiet.

Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li hija dovuta s-somma ta' €20,705.45 lil kull wieħed u waħda mill-atturi, bl-eċċezzjoni ta' Daniela, Graziella u Edward Falzon, li bejniethom għandhom jieħdu s-sehem li kieku kien imiss lil missierhom Alfred Falzon, u għalhekk

dawn għandhom jieħdu €6,901.82 kull wieħed, bl-imgħaxijiet bir-rata ta' 5% fis-sena fuq dawn l-ammonti.

Il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet tal-atturi għall-ħlas tal-imgħax fuq l-ammont misluf lilu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex ommu kienet irrinunzjat għad-dritt li tieħu xi forma ta' mgħax mingħand il-konvenut. Ġie eċċepit ukoll li fit-testment tagħha, l-omm eżentat lil uliedha milli jikkonferixxu fil-massa ereditarja dak kollu li kienu rċevew mingħandha tul ħajjitha, kif ukoll li l-atturi kienu diġà aċċettaw li l-konvenut iħallashom biss il-kapital u mhux ukoll l-imgħax fuq is-somma mislufa lilu. Intqal ukoll li diversi mill-atturi kienu ngħataw self minn ommhom, iżda ħadd minnhom ma kien ħallas imgħax fuq dan is-self. Inoltre l-konvenut eċċepixxa li huwa kien għamel diversi offerti ta' ħlas lill-atturi u ġew anki ddepożitati flus fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola, iżda dawn l-ammonti baqgħu ma ġewx aċċettati mill-atturi, li min-naħa tagħhom ippreferew li jniedu dawn il-proċeduri.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur l-atturi ppreżentaw kopja tar-riċerki testamentarji li saru fir-rigward ta' Annunziata Falzon[1], flimkien ma' kopja tat-testment *unica charta* li sar minn Emmanuele Falzon u minn Annunziata Falzon fl-24 ta' Settembru, 1979 quddiem in-Nutar Angelo Vella[2]; kopja tal-ittra uffiċjali li ntbagħtet lil Mario Falzon fil-5 ta' Mejju, 2014, fejn il-konvenut ġie interpellat mill-atturi sabiex jaddivjeni għall-ħlas tas-somma ta' €230,380.44 rappreżentanti sehemhom mill-bilanċ dovut minnu fuq diversi

[1] *A fol.* 5 *et seq.* tal-proċess.
[2] *A fol.* 10 tal-proċess.

somom li omm il-partijiet kienet silfitu f'ħajjitha, bl-imgħax bir-rata ta' 5%[3]; kif ukoll kopji ta' diversi ċedoli ta' depożitu li saru mill-konvenut fil-konfront ta' wħud minn ħutu[4], u dan wara li l-konvenut offra li jħallas lil ħutu l-kapital li hu kien issellef mingħand ommu, iżda meta effettivament hu mar biex iħallashom, dawn bdew jesiġu wkoll li jsir il-ħlas tal-imgħaxijiet dovuti fuq dak l-ammont u dan minkejja li d-defunta ommhom kienet allegatament irrinunzjat għall-ħlas ta' tali imgħaxijiet.

Il-konvenut flimkien mar-risposta tiegħu, ippreżenta kopja tal-irċevuta taċ-ċedola ta' depożitu numru 895/2014 għas-somma ta' €20,415.39, bid-data tal-11 ta' Lulju, 2014, riferibbilment għad-depożitu tas-sehem ta' wieħed mill-atturi, Paul Falzon.[5]

L-attriċi **Phyllis Falzon** fl-*affidavit* tagħha qalet[6] li hi u ħuha Mario Falzon baqgħu jgħixu fl-istess dar ta' ommhom Annunziata Falzon, minħabba li t-tnejn li huma mhumiex miżżewġin. Ix-xhud qalet li r-relazzjoni bejn l-aħwa hija waħda tajba, tant hu hekk li kollha kemm huma għadhom jiltaqgħu fid-dar tal-ġenituri tagħhom kull nhar ta' Ħadd, għalkemm qalet li ħuhom Mario kważi qatt ma jkun hemm fil-ħin li jkun hemm ħutu minħabba li joħroġ. Ix-xhud qalet li wara li mietet ommha, inqalgħet kwistjoni bejn l-aħwa minħabba xi flus li ommhom kienet silfet lil ħuha Mario, u żiedet tgħid li fil-bidu li nqalgħet din il-kwistjoni hi ma xtaqitx li tiġi involuta, kemm minħabba li hija kienet tgħix fl-istess dar ma' ħuha Mario, kif ukoll minħabba li hija kienet iddispjaċuta li ħutha kienu qegħdin jitlewmu wara l-mewt ta' ommhom. Żiedet tgħid li f'Lulju tal-2014, hija kienet għamlet dikjarazzjoni bil-miktub fejn

[3] *A fol.* 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 17 *et seq.* tal-proċess.
[5] *A fol.* 38 tal-proċess.
[6] *A fol.* 43 tal-proċess.

qalet li hija ma kinitx qiegħda tirrinunzja għall-imgħax dovut. Hija kienet qalet li jekk ħutha kienu ser jirċievu l-imgħaxijiet fuq sehemhom, hi xtaqet li tieħu s-sehem tagħha wkoll. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li hi m'għandha xejn kontra l-konvenut, iżda tixtieq li l-affarijiet bejn l-aħwa jitranġaw.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Saviour Falzon**[7] spjega li b'kollox fil-familja qegħdin disa' aħwa, u filwaqt li l-missier Emanuel Falzon miet f'Novembru tal-1983, dan ħalla lil omm il-partijiet użufruttwarja tal-beni kollha li kellhom bejniethom il-konjuġi Falzon. Ix-xhud spjega li kien ġie deċiż li l-beni tal-ġenituri ma jiġux diviżi bejn l-aħwa sabiex ommhom tkun tista' tibqa' tgħix komda mill-beni li ħalla l-missier, partikolarment minħabba li tlieta minn uliedha kienu jgħixu barra minn Malta. Ix-xhud spjega wkoll li kien ġie deċiż li wieħed mill-aħwa, Mario Falzon, kellu jinħatar bħala rappreżentant tal-familja sabiex jieħu ħsieb il-beni tal-ġenituri wara l-mewt ta' missier il-partijiet. Ix-xhud spjega li ommu ġiet nieqsa fl-24 ta' Awwissu, 2012, u qal li sakemm miet wieħed minn uliedha, Alfred Falzon, fl-2008, ommhom kienet għadha f'saħħitha u moħħha kien għadu ċar, għalkemm wara t-telfa ta' wieħed minn uliedha, saħħitha bdiet sejra lura tant li kellha tiġi rikoverata f'dar tal-anzjani. Ix-xhud qal li wara li mietet ommhom, il-konvenut kien inkariga lin-Nutar Nicolette Vella sabiex tagħmel ix-xogħol marbut mal-eżekuzzjoni tat-testment. Ix-xhud qal li ħuh Mario Falzon ma kienx qiegħed jgħarrafhom b'dak li kien qiegħed jiġri fir-rigward tal-apertura tas-suċċessjoni ta' ommhom u l-ħlasijiet tat-taxxi dovuti, u kien għalhekk li f'Mejju tal-2013, hu u wieħed minn ħutu, Paul Falzon, kienu ddeċidew li jmorru jkellmu lin-Nutar Nicolette Vella. Ix-xhud qal li n-Nutar Nicolette Vella kienet infurmathom li ħuhom, Mario

[7] *A fol.* 47 tal-proċess.

Falzon, kien talabha sabiex twaqqaf il-proċess tal-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni għal perijodu ta' sitt xhur sakemm jiġu spjegati pubblikament il-bidliet li saru in segwitu għad-diskors tal-baġit tal-2013, u kif il-miżuri mħabbra f'dak il-baġit kienu ser jolqtuhom fir-rigward tal-proprjetà li kienet ir-residenza tal-ġenituri tal-partijiet. Ix-xhud qal li f'dik il-laqgħa, hu u ħuh Paul kienu skoprew li n-Nutar Vella kienet talbet lil ħuhom Mario Falzon jikseb valutazzjoni ta' kull proprjetà li kellhom il-ġenituri tal-partijiet u dan sabiex tiġi kkalkulata t-taxxa dovuta, iżda rriżulta li l-valutazzjonijiet li ppreżentalha Mario Falzon ma kinux iċċertifikati minn perit u għalhekk ma kinux validi. Ix-xhud żied jgħid li waqt dik il-laqgħa man-Nutar Nicolette Vella, hu u ħuh kienu saru jafu li l-konvenut stess kien qal lin-Nutar li ommhom kienet ħalliet is-somma ta' LM80,000 biex jinqasmu ugwalment bejn il-werrieta, u dak il-ħin hu u ħuh ħasbu li din kienet xi somma li ommhom setgħet silfet lil Mario Falzon, għalkemm ma setgħux jikkonfermaw dan. Ix-xhud qal li ħuh Mario Falzon hu involut fin-negozju u apparti li jmexxi aġenzija tal-ivvjaġġar, hu involut fin-negozju tal-iżvilupp tal-proprjetà. Ix-xhud kompla jgħid li fuq talba tagħhom, in-Nutar Vella pprovditilhom kopja tar-*records* kollha tad-depożiti li kellha ommhom ma' diversi banek, u żied jgħid li l-ħlasijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni saru minn dawn il-flus. Ix-xhud qal li madwar xahrejn wara din il-laqgħa, in-Nutar Vella kienet bagħtet għalih u għal ħuh Paul, u kienet tathom ċekk li kien jirrappreżenta s-sehem li kien jispetta lilhom mis-somma ta' LM80,000 li kienet semmitilhom fil-laqgħa preċedenti. Qal li hu staqsa lin-Nutar iċ-ċekkijiet ta' ħuthom l-oħra fejn kienu, u din min-naħa tagħha weġbitu li ħuhom Mario kien taha biss dawk iż-żewġ ċekkijiet. Żied jgħid li hekk kif sema' hekk, hu kien informa lin-Nutar li ma kienx ser jaċċetta dak iċ-ċekk jekk ħutu l-oħra ma kinux ser jieħdu sehemhom bl-istess mod. Ix-xhud qal li hu u

ħutu baqgħu jiltaqgħu fid-dar ta' ommhom regolarment anki minħabba li oħthom Phyllis, xebba, baqgħet tgħix fl-istess dar tal-ġenituri tagħhom, flimkien ma' ħuhom Mario, u żied jgħid li minkejja li r-relazzjonijiet tal-atturi ma' ħuhom ma kinux għadhom ħżienu sa dak iż-żmien, madanakollu kienu bdew jibirdu minħabba li lil ħuhom ma kinux jarawh b'mod regolari. Ix-xhud qal li f'Novembru tal-2013 kien tfaċċa n-*notebook* ta' ommhom, fejn din kienet irreġistrat li kienet silfet xi flus lil ħuhom Mario, u wara li l-aħwa ddiskutew is-sejba ta' dan in-*notebook,* ikkonkludew li l-ammont ta' LM80,000 li semmiet in-Nutar Vella, kienu dawn it-LM80,000 li ommhom kienet niżżlet bħala flus mislufa lil Mario fin-*notebook* tagħha. Ix-xhud qal li wara xi żmien oħtu Elizabeth Lofaro kienet qaltilhom li kellha xi dokumenti oħra fil-pussess tagħha marbuta ma' dan is-self, u kien għalhekk li l-atturi waslu għall-konklużjoni li ħuhom Mario kien irċieva self ta' LM80,000 mingħand ommhom, u fuq dawn il-flus kien dovut l-imgħax ta' 5% fis-sena. Ix-xhud qal li wara li l-aħwa ħadu parir legali dwar dan, kienu bagħtu ittra uffiċjali lil ħuhom Mario fejn talbuh iħallashom sehemhom minn dan l-imgħax, u sussegwentement bagħtu ittra oħra fejn ġew proposti diversi skedi u rati ta' mgħax differenti bl-intenzjoni li l-partijiet jilħqu kompromess bejniethom u din il-kwistjoni tiġi riżolta. Ix-xhud qal li Mario Falzon baqa' ma tahom ebda risposta għal dawn il-proposti, iżda n-Nutar Nicolette Vella kienet infurmathom li ħuhom ma kien fi ħsiebu jħallas l-ebda mgħaxijiet. Żied jgħid li jum fost l-oħrajn, hu inzerta ltaqa' ma' ħuh fid-dar tal-ġenituri tagħhom, u dakinhar kien avviċinah u staqsieh meta kien fi ħsiebu jħallas l-ammont ta' LM80,000 dovuti lil ħutu u x'kien fi ħsiebu jagħmel dwar l-imgħax. Ix-xhud qal li kif semma' l-imgħax, ħuh Mario beda jgħajjarhom u saħansitra qalilhom li l-aħwa kollha kienu ssellfu flus mingħand il-ġenituri tagħhom, iżda ħadd

minnhom qatt ma ħallas imgħax. Ix-xhud żied jgħid li huwa minnu li ftit wara li żżewweġ, ommu kienet silfitu l-ammont ta' LM4,000, iżda hu kien raddhomlha lura sal-aħħar ta' dik is-sena. Qal ukoll li dawn il-flus hu ssellifhom mingħajr imgħax, iżda żied jgħid li ma jista' jsir l-ebda paragun bejn is-self li kien ingħata hu fl-1995 ftit wara li żżewweġ u emigra lejn l-Awstralja, u s-somma ta' LM80,000 li ssellef ħuh u li ntużat għal skopijiet kummerċjali u mhux personali. Ix-xhud kompla jgħid li wara li kien ħa din ir-risposta mingħand ħuh, kienet intbagħet ittra uffiċjali lil ħuh bid-data tal-5 ta' Mejju, 2014, u fir-risposta tiegħu għal din l-ittra Mario Falzon sostna li ommu kienet ħafritlu l-imgħaxijiet fuq is-somma mislufa minnha, u għalhekk l-ebda mgħax ma kien dovut minnu skont it-testment. Qal li wara li kien hemm dan l-iskambju ta' ittri uffiċjali, Mario Falzon ippreżenta diversi ċedoli ta' depożitu l-Qorti fejn iddepożita s-sehem dovut lil kull wieħed minn ħutu, bl-eċċezzjoni ta' tnejn mill-aħwa, Paul u Phyllis, b'dikjarazzjoni fiċ-ċedoli li l-omm kienet irrinunzjat għall-ħlas tal-imgħax fuq is-somma mislufa minnha, u għalhekk il-konvenut kien qiegħed juri lil ħutu li huwa kien dispost iħallas lura l-kapital, iżda mingħajr imgħax. L-attur Saviour Falzon żied jgħid li in vista ta' din id-dikjarazzjoni, l-atturi kienu tal-fehma li jekk jirtiraw is-somma hekk depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti, huma kienu ser jikkompromettu l-pożizzjoni tagħhom u għalhekk ipproċedew billi istitwew din il-kawża. Ix-xhud żied jgħid li din mhix l-unika problema li l-atturi għandhom ma' ħuhom Mario, u l-atturi għadhom f'diskussjonijiet mas-soċjetà Middlesea dwar id-distribuzzjoni ta' ishma li sar b'mod li l-atturi jħossu li mhux ekwu, u li sar mingħajr il-kunsens tal-eredi kollha. Żied jgħid li problema oħra tirrigwardja kuntratt li daħal fih Mario Falzon maz-ziju tal-partijiet wara l-mewt ta' missierhom, fejn kien meħtieġ li jinqasmu erba' garaxxijiet proprjetà bi sħab bejn id-defunt missierhom u z-ziju

tal-partijiet. Spjega li fid-diviżjoni ta' dawn il-garaxxijiet, Mario Falzon kien iddeċieda minn rajh li kellu jċedi l-btieħi tal-garaxxijiet lil zijuh, u dan mingħajr ebda forma ta' kumpens, u konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, il-partijiet spiċċaw b'garaxx li fuq wara għandu bitħa li tappartjeni lil terzi. Ix-xhud ippreżenta estratt min-*notebook* ta' ommu fejn ġie rreġistrat is-self li sar favur ħuhom Mario[8], kif ukoll kopja ta' korrispondenza li ntbagħtet mill-atturi lill-konvenut, bil-proposti tagħhom dwar kif kellu jsir il-ħlas dovut minnu, bl-imgħaxijiet inklużi.[9]

Fl-*affidavit* tagħha l-attriċi **Elizabeth Lofaro** qalet[10] li wara l-mewt ta' missier il-partijiet f'Novembru tal-1983, ommhom kienet tħalliet użufruttwarja tal-assi tiegħu. Żiedet tgħid li dak iż-żmien l-aħwa kienu qablu li jħallu kollox kif kien sabiex ommhom setgħet tibqa' tgħix komda mill-beni li tħallew minn missierhom u kien hemm ftehim bejn l-aħwa li l-konvenut jiġi appuntat prokuratur sabiex jieħu ħsieb is-suċċessjoni ta' missierhom, anki minħabba li tlieta mill-aħwa kienu jirrisjedu barra minn Malta. Ix-xhud żiedet tgħid li ommha ġiet nieqsa f'Awwissu tal-2012, u spjegat kif hi kellha relazzjoni tajba ħafna kemm ma' ommha, kif ukoll ma' ħuha Mario, tant hu hekk li kienet għamlet żmien twil taħdem miegħu f'aġenzija tal-ivvjaġġar li dan kellu. Ix-xhud qalet li f'xi żmien ħuha kien daħal fin-negozju tal-iżvilupp tal-proprjetà u meta kellu bżonn jissellef xi flus, dan kien tkellem ma' ommu u din qablet li tisilfu l-flus b'rata ta' imgħax ta' 5% fis-sena, minħabba li dak iż-żmien il-banek kienu joffru imgħax ta' 3% fis-sena fuq id-depożiti. Ix-xhud qalet li hija kienet preżenti għal uħud mid-diskussjonijiet li ommha kien ikollha mal-konvenut, u kienet hi stess li inkoraġġiet lil ommha tidħol f'dan il-ftehim għaliex hi ħasset li

[8] *A fol.* 51 u 52 tal-proċess.
[9] *A fol.* 53 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 62 tal-proċess.

ommha kienet ser tmur tajjeb ladarba l-imgħax li kienet ser iddaħħal kien jissupera dak offrut mill-banek fuq id-depożiti. Ix-xhud qalet li ommha kienet aċċettat li tislef lil Mario Falzon is-somma ta’ LM55,000 b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2006, u dan is-self kellu jitħallas lura mill-konvenut fuq perijodu ta’ tliet snin. Ix-xhud żiedet tgħid li kien il-konvenut li insista li l-arranġament dwar dawn il-flus mislufa lilu jsir bil-miktub, u dan skont hu sabiex ma jkollux inkwiet ma’ ħutu. Ix-xhud qalet li kien ħuha li ttajpja l-ftehim dwar dan is-self u ħareġ ċekk sabiex ikopri l-imgħax dovut minnu fl-ewwel sena, li kien jammonta għal LM2750. Ix-xhud esebiet kopja ta’ dan il-ftehim iffirmat ukoll minn ommha, b’fotokopja taċ-ċekk tal-ewwel pagament tal-imgħax għas-sena 2006.[11] Ix-xhud esebiet ukoll kopja ta’ ftehim simili bid-data tal-1 ta’ Lulju, 2007[12] li wkoll ġie ttajpjat minn ħuha Mario, fejn ukoll hemm ikkalkolat l-imgħax għas-sena 2007, u x-xhud żiedet tgħid li dan sar minħabba li f’moħħ il-partijiet kienet ċara l-intenzjoni li l-konvenut iħallas l-imgħax fuq il-flus mislufa lilu. Ix-xhud qalet ukoll li wara xi żmien ommha biegħet garaxx li kien ġej mill-wirt tal-missier, u f’dak iż-żmien kienet silfet is-somma ta’ LM25,000 lill-konvenut[13], sabiex b’hekk it-total tal-flus mislufa lil ħuha kien jammonta għal LM80,000. Ix-xhud qalet ukoll li ommha kienet niżżlet notament li kien jgħid li b’kollox hija kienet silfet lill-konvenut is-somma ta’ LM83,000. Ix-xhud kompliet tgħid li wara li ġiet nieqsa omm il-partijiet, l-aħwa inkarigaw lill-konvenut sabiex jieħu ħsieb is-suċċessjoni tagħha, iżda qalet li meta għaddew madwar ħames xhur mill-mewt ta’ ommha u baqgħu ma semgħu xejn mingħand in-Nutar Nicolette Vella, li kienet ġiet inkarigata minn ħuha sabiex tieħu ħsieb din is-suċċessjoni, tnejn minn ħutha, Paul u Saviour Falzon, kienu

[11] *A fol.* 65 tal-proċess.
[12] *A fol.* 66 tal-proċess.
[13] Kopja ta’ dan il-ftehim *a fol.* 66 tal-proċess.

marru jkellmu lin-Nutar Nicolette Vella. Ix-xhud qalet li n-Nutar kienet tikkuntattja lil Mario Falzon u kienet titolbu xi dokumenti li kienet teħtieġ b'rabta mas-suċċessjoni t'ommhom, iżda l-konvenut min-naħa tiegħu qatt ma mar għand in-Nutar Nicolette Vella ma' ħutu. Żiedet tgħid li kien Mario Falzon li kien informa lin-Nutar Vella li ħutu kellhom jieħdu l-ammont ta' LM80,000 mill-wirt ta' ommhom. Ix-xhud qalet li darba fost l-oħrajn, waqt li l-atturi kienu għand in-Nutar Nicolette Vella, din kienet ikkuntattjat lil Mario Falzon u dan beda jgħidilha li ma riedx iħallas imgħaxijiet u lanqas ma ried ikellem lil ħutu. Elizabeth Lofaro qalet li wieħed mill-argumenti ta' Mario Falzon kien li l-aħwa kollha kienu ssellfu flus mingħand ommhom, u ħadd minnhom ma kien ħallas imgħax fuq is-self li ħadu mingħand il-ġenituri tagħhom. Ix-xhud qalet li hi kienet issellfet l-ammont ta' LM2,000 mingħand ommha meta żżewġet, iżda dan l-ammont hi ħallsitu lura lil ommha fi żmien sena. Kompliet tgħid li l-atturi kienu għamlu xi proposti bil-miktub lil Mario Falzon dwar kif kellu jħallas l-imgħax dovut minnu, iżda dan baqa' ma rrispondihomx lura. Kien għalhekk, kompliet ix-xhud, li l-aħwa kienu qablu li kellhom jibagħtu ittra uffiċjali lil ħuhom sabiex jitolbuh sehemhom mill-ammont misluf flimkien mal-imgħax, u dan kien irrisponda li l-ebda imgħax mhu dovut lilhom. Kien għalhekk, ikkonkludiet ix-xhud, li kellhom jinbdew dawn il-proċeduri. Ix-xhud qalet ukoll li hi waqfet taħdem ma' ħuha f'Ġunju tal-2010. Qalet ukoll li fi Frar tal-1994 ħuha kien staqsieha jekk kellhiex flus x'tisilfu u hija kienet silfitu s-somma ta' LM17,000, liema somma bl-imgħaxijiet fuqha għadha dovuta lilha.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2015, xehdet in-**Nutar Nicolette Vella**[14], li qalet li hija taf kemm lil Mario Falzon kif ukoll lil Saviour Falzon minħabba li wara li mietet ommhom dawn inkarigawha tieħu ħsieb il-proċedura tal-ħlas

[14] *A fol.* 72 tal-proċess.

tat-taxxa *causa mortis*. Ix-xhud qalet li xi ħadd mill-aħwa lilha kien infurmaha li l-omm, Annunziata Falzon, kienet silfet xi flus lill-konvenut, u kkonfermat li bejn il-partijiet inqalgħet kwistjoni minħabba li kellu jiġi stabbilit jekk dawn il-flus ġewx mislufa bl-imgħax jew le.

Fl-*affidavit* tagħha l-attriċi **Lilian Falzon**[15] qalet li hi għamlet żmien twil tgħix barra u għalhekk ma kinitx involuta fil-kwistjoni tas-self li l-konvenut ħa mingħand ommha. Ix-xhud qalet li meta oħtha Elizabeth kienet infurmatha li ommhom kienet silfet xi flus lil ħuhom Mario, sabiex dan ma jkollux għalfejn jieħu self mill-bank b'imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, filwaqt li ommhom kienet ser tkun qiegħda tiggwadanja rata ta' imgħax bil-5% li kienet ogħla mir-rata ta' imgħax mħallsa fuq depożiti bankarji, hi fehmet li dan kien ta' benefiċċju għat-tnejn li huma, iżda dak iż-żmien kienet uriet it-tħassib tagħha ma' ommha, li jekk dan il-ftehim ma jsirx bil-miktub, seta' jinqala' l-inkwiet. Ix-xhud qalet li hi kienet preżenti għal waħda mil-laqgħat li saru fl-uffiċċju tan-Nutar Nicolette Vella, fejn in-Nutar kienet ċemplet lill-konvenut u kellmitu dwar l-imgħaxijiet allegatament dovuti minnu lil ħutu, u dan kien wieġeb fis-sens li l-ebda mgħax m'għandu jitħallas minnu.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2016 reġgħet xehdet in-**Nutar Nicolette Vella**[16], li kkonfermat li wara l-mewt ta' Annunziata Falzon, kien avviċinaha l-konvenut u hi kienet spjegatlu li kellha ssir il-proċedura tal-*causa mortis* u r-rilaxx tal-flus iddepożitati fil-banek. Qalet li hi kienet spjegat lill-konvenut li kellha bżonn rapport peritali, u qalet li l-pjanti relattivi ġew ipprovduti lilha minn ditta ta' periti, u eventwalment kienu ġew involuti l-aħwa kollha fid-diskussjonijiet man-nutar. Ix-xhud qalet li hija kienet bdiet il-proċedura tal-iżbank ma' numru

[15] *A fol.* 76 tal-proċess.
[16] *A fol.* 86 tal-proċess.

ta' banek, u kien dak iż-żmien li bejn l-aħwa nqalgħet kwistjoni dwar somma flus li wieħed mill-aħwa kien issellef mingħand ommu. Ix-xhud qalet li f'punt minnhom, il-konvenut kien għaddielha żewġ ċekkijiet pagabbli lil Saviour Falzon u lil Paul Falzon, u hi kienet ikkuntattjat lil Saviour Falzon u qaltlu b'dan. Qalet li meta Paul u Saviour Falzon kienu marru l-uffiċċju tagħha, dawn kienu qalulha li ma kinux disposti li jaċċettaw iċ-ċekkijiet maħruġa. Ix-xhud esebiet kopji tal-korrispondenza li hi kellha ma' wħud mill-partijiet dwar il-kwistjonijiet li nqalgħu wara li hija kienet ġiet inkarigata tagħmel il-pubblikazzjoni tal-*causa mortis* ta' Annunziata Falzon.[17] F'*email* partikolari, dik tat-3 ta' Jannar, 2014, in-Nutar infurmat lill-konvenut illi ħutu kienu qablu li jaċċettaw il-ħlas ta' LM80,000 mingħajr l-imgħaxijiet dovuti fuqhom sabiex il-kwestjoni ma titwalx bla bżonn.[18] F'*email* sussegwenti, dik tat-2 ta' Marzu, 2014, Saviour Falzon informa lill-istess Nutar li l-eredi ta' Annunziata Falzon kienu qablu li l-konvenut kellu jħallashom il-flus li hu kien issellef mingħand id-defunta ommhom, flimkien mal-imgħaxijiet dovuti fuq dan l-ammont.[19]

Ix-xhud in-**Nutar Nicolette Vella** kompliet tixhed waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2016[20], fejn esebiet kopja ta' *email* li hija kienet irċeviet mingħand Saviour Falzon fis-6 ta' Jannar, 2014.[21] Ix-xhud qalet li dak iż-żmien bejn il-partijiet kien inqala' diżgwid minħabba l-ħlas tal-imgħaxijiet, u waħda mill-preokkupazzjonijiet tal-atturi kienet minħabba li huma ma kellhomx f'idejhom

---

[17] *A fol.* 94 *et seq.* tal-proċess.
[18] L-*email* li tinsab esebita *a fol. 97* tal-proċess, testwalment taqra: *"It is from your brother Saviour and it states that all brothers and sisters have agreed to accept the LM80k without interest. It states that they do not wish to drag the matter further create more animosity between all of you."*
[19] *A fol.* 104 tal-proċess, *"We, the heirs of Annunziata Falzon, have written a letter to Mario Falzon requesting him to fix a date when he will pay back the loan he entered into with our mother some years ago plus interest as stipulated in the documentation. ... In view of that documentation in our hands, we are prepared to accept payment only in accordance to the terms as stipulated in the agreement between our mother and him."*
[20] *A fol.* 108 tal-proċess.
[21] *A fol.* 117 tal-proċess.

kopja tal-ftehim li kien jirregola dan is-self li għamlet ommhom favur ħuhom. Ix-xhud qalet li hija kienet tkellmet mal-konvenut u dan kien infurmaha li ma kienx dispost li jħallas l-imgħaxijiet minħabba li fil-passat kien għen ħafna lil ħutu. Ix-xhud qalet li meta l-konvenut għaddielha żewġ ċekkijiet pagabbli lil Paul Falzon u lil Saviour Falzon, dawn kienu għall-ammont li hu deherlu li kien sehemhom mill-flus mislufa lilu minn ommhom, mingħajr imgħaxijiet. Ix-xhud qalet li Paul Falzon u Saviour Falzon oġġezzjonaw minħabba li ċ-ċekkijiet ma kinux jinkludu l-imgħaxijiet u minħabba li ħuthom ma kinux ser jirċievu l-ħlasijiet dovuti lilhom. Ix-xhud qalet li hija kienet infurmat lill-konvenut li huwa ma kellux l-jedd li jiddeċiedi lil min minn ħutu kellu jħallas. Ix-xhud ippreżentat kopja ta' *email* li hija rċeviet mingħand Saviour Falzon fis-6 ta' Jannar, 2014[22] fejn dan kien infurmaha:

> *"I would like to inform you on behalf of the other heirs, bar one, that we accepted not to proceed to seek interest payments in the absence of a written statement to substantiate our case."*

Permezz ta' nota tat-23 ta' Mejju, 2016, l-atturi ppreżentaw sensiela ta' *emails* li għaddew bejn tnejn mill-atturi Saviour Falzon u Paul Falzon, u n-Nutar Nicolette Vella[23], fejn fl-aħħar *email* mibgħuta lin-Nutar fl-24 ta' Marzu, 2014, Saviour Falzon infurmaha illi:

> *"The heirs wrote a letter to Mario Falzon on 25th February, 2014 requesting him to provide us with a firm date to pay each one of the heirs the full share of the loan money plus interest from the date of the loan agreement till the final date of payment."*

[22] *A fol.* 117 tal-proċess.
[23] A fol. 122 *et seq.* tal-proċess.

Permezz ta' nota tat-23 ta' Mejju 2016, il-konvenut ippreżenta kopji ta' numru ta' ċekkijiet[24] li huwa ħareġ favur l-atturi fit-3 ta' Jannar, 2014, liema ċekkijiet huma għas-somma ta' €5,212, inkluż ċekk favur l-eredi ta' Alfred Falzon li wkoll huwa għas-somma ta' €5,212, u kopji ta' żewġ ċekkijiet li nħarġu favur Paul Falzon u Saviour Falzon fl-ammont ta' €20,711, liema ċekkijiet inħarġu fis-7 ta' Novembru, 2013.

Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2016 reġgħet xehdet in-**Nutar Nicolette Vella**[25], li qalet li kienet għamlet il-verifiki jekk fl-uffiċċju tagħha kinitx irċeviet xi flus kontanti min-naħa ta' Mario Falzon, u rriżultalha li dan ma kienx il-każ. Ix-xhud qalet li ma tistax tikkonferma jekk il-konvenut kienx mar l-uffiċċju tagħha b'xi flus kontanti u meta ra li ħutu ma kinux ser jaċċettawhom, dan reġa' ħadhom lura. Madanakollu ix-xhud ikkonfermat li min-naħa tagħha qatt ma rreġistrat li kienu ġew irċevuti dawn il-flus fis-sistema tal-uffiċċju tagħha. Ix-xhud qalet li l-uniċi żewġ ċekkijiet li hi għandha konoxxenza tagħhom huma dawk maħruġa f'isem Paul Falzon u Saviour Falzon.

Permezz ta' nota tal-15 ta' Novembru, 2016, l-atturi ppreżentaw in-*notebook* fejn ommhom kienet iżżomm notamenti dwar flejjes li tkun investiet, silfet jew irċeviet, li jistgħu jkunu ta' rilevanza għal dawn il-proċeduri[26]; kopja ta' dikjarazzjoni li għamlu l-atturi u ffirmata minnhom fejn dawn stqarrew li n-Nutar Nicolette Vella fl-ebda waqt ma bagħtet għalihom sabiex tiddiskuti magħhom jew tirċievi ċ-ċekkijiet li kopji tagħhom ġew esebiti mid-difensur tal-konvenut fit-23 ta' Mejju, 2016[27]; kif ukoll kopji ta' diversi *emails* li ntbagħtu bejn l-atturi u n-Nutar Nicolette Vella bejn id-19 ta' Ġunju 2013 u s-26 ta'

[24] *A fol.* 131 tal-proċess.
[25] *A fol.* 136 tal-proċess.
[26] *A fol.* 143 tal-proċess.
[27] *A fol.* 144 tal-proċess.

Marzu, 2014.[28] Fl-*email* tad-9 ta' Jannar, 2014[29], Saviour Falzon informa lin-Nutar Nicolette Vella illi:

> *"The money involved is LM80,000 which is equivalent to €186,349.87. Each heir is entitled to one-ninth of this sum which is equivalent to €20,705.54. Mario needs to prepare eight cheques of this amount totalling €165,644.33."*

Fl-*email* tat-3 ta' Marzu, 2014[30], l-attur Saviour Falzon informa lin-Nutar Nicolette Vella illi:

> *"We, the heirs of Annunziata Falzon, have written a letter to Mario Falzon requesting him to fix a date when he will pay back the loan he entered into with our mother some years ago plus interest as stipulated in the documentation. ... He sent a verbal reply through our sister Phyllis to inform us that he will be providing you as our Notary with a number of cheques. Very little details were added but there was a mention that the sum will not include interest payments.*
>
> *In view of the documentation in our hands, we are prepared to accept payment only in accordance to the terms as stipulated in the agreement between our mother and him."*

F'ittra mibgħuta lill-konvenut minn Saviour Falzon għan-nom tal-atturi fil-25 ta' Frar, 2014[31], jingħad illi:

> *"We are asking you to give us a firm date when you will pay each one of us the full share of the loan money plus interest accrued from the date of the loan agreement till the day of final payment."*

Ittra oħra datata 10 ta' Marzu, 2014[32], ukoll mibgħuta lill-konvenut mill-atturi, tgħid illi:

> *"On the advice of our lawyer, we are giving you a final date for the issuance of a cheque for the amount of €259,178 capital plus interest. The said cheque is to be forwarded by 20th March, 2014."*

[28] *A fol.* 145 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 147 tal-proċess
[30] *A fol.* 151 tal-proċess.
[31] *A fol.* 153 tal-proċess.
[32] *A fol.* 155 tal-proċess.

Mill-*emails* sussegwenti skambjati bejn Saviour Falzon u n-Nutar Nicolette Vella fl-24 ta' Marzu, 2014[33], jirriżulta li l-konvenut baqa' jinsisti li jħallas il-kapital dovut lil ħutu, iżda mingħajr imgħaxijiet.

Il-konvenut **Mario Falzon** fl-*affidavit* qal[34] li fil-familja huma kienu disa' aħwa, u filwaqt li sebgħa minn ħutu żżewġu u marru jgħixu għal rashom, hu baqa' jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu flimkien ma' oħtu Phyllis. Ix-xhud ikkonferma li hu kellu n-negozju tiegħu ta' *travel agent*. Qal li tul is-snin, kemm hu, kif ukoll ommu, għenu lil ħutu finanzjarjament meta dawn kellhom bżonn l-għajnuna. Semma pereżempju li fis-sena 1989, oħtu Lilian marret tgħix New York u meta kellha bżonn tixtri appartament hu kien silifha USD69,000, għalkemm qal li wara madwar 23 sena hija kienet radditlu lura l-ammont ta' USD100,000.[35] Żied jgħid li fis-sena 1985, ommu kienet silfet l-ammont ta' AUD10,000 Awstraljan lil ħuh Saviour li kien mar l-Awstralja, u hu kien jaf b'dan is-self minħabba li ommu lilu kienet tgħidlu b'kollox.[36] Qal ukoll li ommu qatt ma talbet imgħaxijiet lil ħadd minn uliedha, u hu kien assuma li dawn il-flus ħuh Saviour kien issellifhom mingħajr imgħax. Qal ukoll li ma jafx jekk dawn il-flus kinux tħallsu lura minn Saviour. Qal li kemm ommu kif ukoll missieru silfu ammonti ta' flus lil uħud minn ħutu l-oħra, u fuq dawn il-flus qatt ma ppretendew ħlas ta' imgħaxijiet. Qal li f'Ġunju tal-2006 hu kien innota li ommu kellha flus investiti b'imgħaxijiet minimi ta' wieħed 1.7%, u meta kien tkellem ma' ommu dwar dan, din kienet qaltlu li l-flus seta' jinvestihom f'ismu, u hu kien qabel li minflok itiha imgħax bir-rata ta' 1.7%, jibda jtiha imgħax bil-5%. Qal li ommu dak iż-żmien bdiet tgħidlu li ma riditx imgħaxijiet

[33] *A fol.* 159 tal-proċess.
[34] *A fol.* 163 tal-proċess.
[35] Kopja ta' nota ta' ringrazzjament mibgħuta lill-konvenut minn oħtu Lilian *a fol.* 168 tal-proċess.
[36] Kopja ta' ittra *a fol.* 169 tal-proċess.

minħabba li lil ħutu qatt ma talbithom imgħaxijiet, iżda hu kien insista magħha. Qal li dakinhar ommu kienet fdatlu LM55,000 f'idejh. Żied jgħid li sena wara, f'Ġunju tal-2007, hu kien ta lil ommu ċekk ta' LM2,750, rappreżentanti imgħaxijiet bil-5% fuq dan l-ammont.[37] Il-konvenut spjega li fl-4 ta' Lulju, 2007, kien inbiegħ garaxx li kien jappartjeni lill-ġenituri tal-partijiet, u minn dan il-bejgħ ommu ħadet l-ammont ta' LM23,000, filwaqt li l-kumplament tal-flus inqasmu bejn l-aħwa. Qal li kien dak ix-xahar stess, li ommu talbitu jżomm dawn il-flejjes, u għalkemm din id-darba wkoll hi ma riditx imgħaxijiet, hu kien insista li jħallasha imgħax bir-rata ta' 5%. Il-konvenut qal li meta sar il-bejgħ tal-garaxx, hu kellu l-prokura tal-aħwa kollha sabiex ikun jista' jidher għalihom, u żied jgħid li hu deher fuq l-att tal-bejgħ f'isem ħutu kollha f'Lulju tal-2007. Żied jgħid li wara ftit ġimgħat, ħuh Saviour kien mar ikellem lil ommu fejn qalilha li hu ma kien jaf xejn dwar dan il-bejgħ, iżda fil-fatt irriżulta li min kien xtara l-garaxx kien ilu jikrih madwar tliet snin bil-promessa li wara jkun jista' jixtrih, u għalhekk l-omm kienet infurmat lil Saviour li hu kien ilu jaf bil-bejgħ tal-garaxx madwar tliet snin. Ix-xhud qal ukoll li meta qassam il-flus tal-bejgħ tal-garaxx lil ħutu, dawn kollha kienu ħadu s-sehem tagħhom, inkluż Saviour, u ħadd ma kien ilmenta miegħu dwar dan il-bejgħ. Il-konvenut qal ukoll li dak iż-żmien ommu kienet iddispjaċuta ħafna minħabba li ħuh Paul kien mar għand ħuh Alfred, li dak iż-żmien kien marid ħafna, u talbu jtih lura xi flus li kien silfu xi żmien qabel. Qal li meta ommu rat dan, kienet talbet lix-xhud iżomm għandu dawk it-LM80,000 li kienet fdatlu f'idejh u qaltlu biex jibqa' jżommhom sakemm tiġi nieqsa hi. Ix-xhud kompla jgħid li fit-22 ta' Frar, 2008, hu kien lesta LM2,000 fi flus kontanti sabiex jgħaddihom lil ommu bħala imgħaxijiet, iżda hi kienet irrifjutathom u

[37] *A fol.* 170 tal-proċess.

qaltlu li ladarba hi qatt ma ppretendiet ħlas ta' imgħaxijiet mingħand ħutu l-oħra, ma kinitx qiegħda tippretendi ħlas ta' imgħaxijiet mingħandu. Qal li fuq insistenza tiegħu, ommu aċċettat LM1,000 minn dawn il-flus, filwaqt li talbitu jżomm l-LM1,000 l-oħra sabiex bihom ikun jista' jħallas l-ispejjeż tal-funeral tagħha. Ix-xhud qal li fil-fatt l-ispejjeż tal-funeral ta' ommu għamel tajjeb għalihom kollha hu. Qal ukoll li tul is-snin ommu kellha tiġi rikoverata fi sptar privat għadd ta' drabi bi spejjeż konsiderevoli, u kull darba għamel tajjeb għall-ispejjeż hu. Il-konvenut qal li hu kien silef ammonti ta' flus lil ħuh Alfred fis-snin qabel dan miet, u huwa ma kienx irċieva dawn il-flus lura. Qal li kien hemm żmien meta ħuh ma kienx qiegħed jaħdem, u f'dak iż-żmien kien għenu hu, u żied jgħid li meta lejlet li miet ħuh, dan kien qallu li kien ser iħallsu lura, hu kien qallu biex jinsa kollox. Il-konvenut qal ukoll li meta miet ħuh Alfred, hu kien ħallas nofs l-ispejjeż tal-funeral tiegħu. Il-konvenut qal li wara li mietet ommu fl-24 ta' Awwissu, 2012, hu kien mar għand in-Nutar Nicolette Vella u apparti li talabha tibda l-proċess għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni *causa mortis,* hu infurmaha li kellu LM80,000 fil-pussess tiegħu, u dawn il-flus kellhom jinqasmu bejn l-aħwa, skont ix-xewqa ta' ommhom. Żied jgħid li hu kien informa lin-Nutar li kellu xi flus oħra li bihom ħallas għall-funeral ta' ommu, u li ħadd minn ħutu ma kien jaf b'dawn il-flus. Ix-xhud qal li wara li saret il-*causa mortis* fis-7 ta' Novembru, 2013, hu kien irritorna lura d-dar u sab lil ħutu kollha jistennewh hemmhekk, u flimkien bdew jiddiskutu dwar kif kellu jsir il-ħlas tat-LM80,000. Qal li dakinhar hu kien wiegħed lil ħutu li ser jibda jħallashom is-sehem tagħhom minn dan l-ammont, mingħajr imgħaxijiet fuqhom, u fil-fatt dakinhar stess hu kiteb żewġ ċekkijiet favur ħutu Paul Falzon u Saviour Falzon, fl-ammont ta' €20,711.[38] Il-konvenut qal li l-għada stess hu

[38] *A fol.* 172 tal-proċess.

mar b'dawn iċ-ċekkijiet għand in-Nutar Nicolette Vella, u wara ftit ġranet din kienet ikkuntattjatu u qaltlu li meta bagħtet għal Saviour u għal Paul, dawn kienu infurmawha li l-pagamenti kellhom jinqasmu bejn l-aħwa kollha. Qal li fil-fatt fit-3 ta' Jannar, 2014, hu mar għand in-Nutar Nicolette Vella u ħallielha tmien ċekkijiet fl-ammont ta' €5,212 kull wieħed[39], bħala parti mill-pagamenti li kienu dovuti lil ħutu kollha, skont l-ammont ta' flus li kellu f'idejh dak iż-żmien. Qal li dakinhar hu kien informa lin-Nutar Nicolette Vella li kellu wkoll l-ammont ta' €21,000 fi flus kontanti li setgħu jinqasmu bejn l-aħwa, sabiex hekk kull wieħed mill-aħwa seta' jirċievi €8,212. Il-konvenut żied jgħid li hu kien informa lin-Nutar Vella li sa Marzu tal-2014, hu seta' jħallas id-differenza tal-ammont li kellu jagħti lil ħutu, dejjem mingħajr imgħax. Il-konvenut qal li wara li mar għand in-Nutar Vella biċ-ċekkijiet, din kienet ikkuntattjatu lura u qaltlu li ħuh Salvinu kien infurmaha li l-aħwa ma kinux disposti li jieħdu l-pagament akkont, iżda riedu l-pagament sħiħ li kien dovut lilhom. Kompla jgħid li sussegwentement hu kien irċieva ittra uffiċjali fejn ġie infurmat li ħutu kienu qegħdin jippretendu l-ħlas tal-ammont sħiħ, bl-imgħaxijiet fuqu. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu kien sorpriż bl-*affidavit* ta' oħtu Phyllis minħabba li hu kien offrielha ħlas tal-ammont dovut lilha diversi drabi u hi qatt ma kienet talbitu l-pagament.

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2017 sar il-kontroeżami tal-attriċi **Elizabeth Lofaro**[40], li qalet li hija żżewġet fid-19 ta' Diċembru, 1982 u wara ż-żwieġ tagħha hi marret tgħix f'dar f'Birkirkara stess, filwaqt li fid-dar tal-ġenituri tagħha baqgħu jgħixu ħutha Phyllis u Mario. Ix-xhud qalet li ħutha l-oħra kollha kienu miżżewġin, u hi minkejja li kienet miżżewġa, kienet baqgħet tmur

[39] *A fol.* 173 *et seq.* tal-proċess.
[40] *A fol.* 205 tal-proċess.

għand il-ġenituri tagħha ta' spiss. Ix-xhud ikkonfermat li wara li żżewġet hi għamlet 23 sena taħdem ma' ħuha Mario fuq bażi *part-time.* Qalet li fl-ewwel ftit snin taż-żwieġ tagħha hija kienet tgħix f'post li kien tal-ġenituri tagħha, u l-ġenituri tagħha qatt ma żammewlha kera, għalkemm wara l-mewt tal-missier hi kienet iddeċidiet li tixtri d-dar tagħha. Qalet li sabiex setgħet xtrat id-dar tagħha, ommha kienet silfitha l-ammont ta' LM2,000, liema ammont hi kienet radditulha lura. Ix-xhud qalet li minkejja li l-aħwa kollha kienu jaħdmu, ħadd ma kien iħallas xi flus lill-ġenituri tagħhom, u anki meta dawn kienu jissellfu xi flus mingħand il-ġenituri, dawn kienu jinsistu li l-flus jeħduhom mingħajr imgħaxijiet. Ix-xhud qalet li anki meta żżewġet oħtha Josephine, din kienet issellfet xi flus mingħand il-ġenituri tagħha, u dawn kollha kienu jkunu mingħajr imgħaxijiet. Għall-mistoqsija dwar jekk tafx ħuha Paul kienx issellef xi flus mingħand il-ġenituri tagħhom, ix-xhud wieġbet li ma tafx, għalkemm qalet ukoll li meta ħuha mar jaħdem barra dan kellu introjtu tajjeb u għalhekk dan ma kellux bżonn jissellef mingħand il-ġenituri. Qalet iżda li ommha kienet tatu xi flus biex seta' jarma l-appartament li kien xtara, u dawn il-flus kienu rigal għalih. Ix-xhud qalet li ommha kellha s-somma ta' LM54,000 investiti fil-Lombard Bank, u hi stess kienet inkoraġġiet lil ommha tislifhom lill-konvenut għan-negozju. Qalet li dan kien għax il-bank kien iħallas imgħaxijiet bir-rata ta' 3%, u ħuha kien ser jieħu self għan-negozju b'rata ta' imgħax ta' 8%, u għalhekk kien hemm qbil li l-flus li dan kellu bżonn jissellef jeħodhom mingħand ommu, u jħallasha imgħaxijiet bir-rata ta' 5%. Ix-xhud qalet li minkejja li hi, ħuha Mario u ommha qatt ma poġġew madwar mejda u ddiskutew u qablu dwar dan, ommha lilha kienet tgħidilha x'kienet tkun qed tagħmel, filwaqt li minħabba li mit-Tnejn sal-Ġimgħa hija kienet tkun fl-istess uffiċċju ma' ħuha, dan kien jiddiskuti dawn l-affarijiet magħha. Hi spjegat li

dak iż-żmien il-ħsieb kien li ħuha Mario jagħti l-imgħaxijiet lil ommha ħalli din ikollha aktar flus f'idejha u tkun tista' tgħaddi tajjeb, mingħajr ma jkollha għalfejn tirrikorri għall-kapital u għall-beni li tħallew minn missierhom. Ix-xhud qalet li hi stess ġieli silfet xi flus lill-konvenut, u semmiet l-ammont ta' LM17,000 li hi silfitu sabiex seta' jixtri xi proprjetà, u ħuha kien għadu ma ħallashiex lura. Qalet li kien hemm garaxx Santa Venera li l-partijiet kienu wirtu min-naħa tal-familja tal-missier, u ommhom xtaqet tbigħu. Spjegat kif ħuha Mario kien wasal f'arranġament max-xerrej li inizjalment dan il-garaxx jikrih għal perijodu ta' tliet snin, u wara jkun jista' jixtrih. Qalet li l-flus tal-kera ta' dan il-garaxx kienet teħodhom ommha. Ix-xhud qalet li darba fost l-oħrajn hi kienet l-uffiċċju ma' ħuha, u dan kien qalilha li kien ser jagħmel ftehim dwar l-ammont li kellu jagħti lil ommu bil-miktub, sabiex ma jkollux inkwiet ma' ħutu l-oħra. Ix-xhud qalet ukoll li ommha kienet tat LM2,000 lill-konvenut sabiex dan ikun jista' jħallsilha l-ispejjeż tal-funeral, u qalet ukoll li meta mietet ommha, ħadd mill-aħwa ma kkontribwixxa għall-ispejjeż tal-funeral. B'riferiment għall-interventi kirurġiċi li l-omm kellha tagħmel fi sptarijiet privati, ix-xhud qalet li minkejja li kien ikun ħuha Mario li kien joħroġ iċ-ċekkijiet tal-ħlas, ommha kienet troddlu l-flus lura minħabba li l-omm qatt ma riedet obbligazzjonijiet ma' xi ħadd minn uliedha. Ix-xhud ġiet mistoqsija dwar jekk kienx hemm aċċettazzjoni da parti tal-aħwa, li dawn jieħdu ħlas fl-ammont ta' LM80,000 mingħand ħuhom Mario, mingħajr ebda imgħaxijiet, kif jirriżulta minn skambju ta' korrispondenza li kienet involuta fih in-Nutar Nicolette Vella, u x-xhud min-naħa tagħha wieġbet:

> "L-ammont deher 83, mill-ktieb tal-mama. L-80,000 hija dik il-figura li qal Mario. Issa, with regards li bejnietna aħna li konna qegħdin nagħmlu, nissettiljaw l-affarijiet bejnietna li ma jinvolvux u l-biċċa li baqgħet ġejja teskala għaliex aħna fil-fatt qgħadna anke b'xejn sakemm baqgħet ħajja l-mama, imbagħad bir-rata tal-

> imgħax li kienet b'xi 1%, 2% wara li mietet il-mama sakemm tieħdu l-flus u bdejna nagħmlu l-offerti. Hu dejjem, l-ewwel nett, qatt ma kien jiltaqa' u meta konna għand in-nutar darba minnhom u n-nutar qaltlu qiegħed fuq l-i*speaker* u qaltlu li qegħdin hawnhekk u qed nagħmlu l-ftehim bejnietna x'irridu, xi ftiehemna bejnietna. Qabeż hu u qalilha, "il-mazz tal-karti qiegħed f'idi u nilagħab kif irrid jiena. Imbagħad qabad u ddepożita l-flus il-Qorti."

Ix-xhud kompliet tgħid li hi u ħutha kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Ħadd u jiddeċiedu kif kienu ser jipproċedu. Qalet li sa dak iż-żmien li ntbagħtet dik l-*email* hi kienet għadha ma ħarġitx id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li kellha fil-pussess tagħha, minn fejn jirriżulta li ommha silfet il-flus lil ħuha bl-imgħax, għaliex hi u ħutha xtaqu li jaslu fi ftehim. Qalet li l-affarijiet eskalaw wara li l-konvenut kien qalilhom li l-mazz kien f'idejh u poġġielhom il-flus il-Qorti. Qalet li hi u ħutha għamlu diversi offerti lill-konvenut, inkluż li għall-perijodu li fih kienet għadha ħajja ommhom dan ma jħallasx imgħaxijiet, u l-ħsieb tagħhom kien li wara l-mewt tal-omm jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet.

Fl-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Phyllis Falzon**[41], li qalet li hi xebba u baqgħet tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha flimkien mal-konvenut. Ix-xhud qalet li hi saret taf bl-ammont ta' flus li ommha silfet lil ħuha Mario mingħand in-Nutar Nicolette Vella, meta din kienet qiegħda tagħmel il-proċeduri marbuta mal-apertura tas-suċċessjoni ta' ommha. Ix-xhud qalet li meta kienet għadha ħajja ommha, hi qatt ma daħlet fi kwistjonijiet marbuta ma' flus. Ix-xhud qalet li wara l-mewt ta' ommha hija kienet qiegħda tirranġa l-affarijiet fid-dar tal-ġenituri tagħha, u b'kumbinazzjoni kienet sabet *notebook* bil-kitba ta' ommha, fejn kienet żammet notament tal-ammont li kienet silfet lill-konvenut. Kompliet tispjega li meta sabet dan in-*notebook* hija infurmat lil ħuha Paul. Ix-xhud qalet li

[41] *A fol.* 222 tal-proċess.

oriġinarjament hi u ħutha kien mingħalihom li dan is-self kien mingħajr imgħax, iżda sussegwentement kienet instabet karta li fuqha kien hemm indikat li dawn il-flus kienu mislufa bl-imgħax. Żiedet tgħid li minkejja li hi kienet tgħix fl-istess dar ma' ommha, din qatt ma semmitilha xejn dwar dan is-self. Qalet li f'dawk iż-żminijiet hi kienet impenjata ħafna kemm bħala kap ta' skola, kif ukoll bħala soċju tal-mużew u kienet tagħmel sigħat twal barra mid-dar, apparti li lilha kwistjonijiet marbuta mal-flus ma tantx kienu jinteressawha. Ix-xhud ikkonfermat li ħutha ġieli ħadu self mingħand il-ġenituri tagħha, u fuq dan is-self ma kinux iħallsu imgħax, għalkemm qalet ukoll li hi ma kinitx taf li kien hemm xi arranġament fejn ommha kienet qalet lill-konvenut li wara l-ewwel sentejn ma riditx aktar imgħax fuq l-ammont misluf minnha. Ix-xhud qalet li hi ma tafx jekk kienx hemm xi ħadd minn ħutha li kellu bżonn jissellef xi flus mingħand il-ġenituri tagħha u kemm kien l-ammont, u qalet ukoll li ħuha Mario kemm-il darba qalilha li sehemha mill-flus li hu kien issellef mingħand ommu, kien dispost li jħallsu lura, imma mingħajr imgħax. Qalet li hi qatt m'aċċettat li tieħu sehemha, u lill-konvenut dejjem qaltlu li hija kienet tieħu sehemha meta ħutha jieħdu tagħhom. Ix-xhud qalet ukoll li lilha personalment ma tantx jaffettwaha jekk il-flus teħodhomx bl-imgħax jew le, u hi tixtieq biss li l-affarijiet bejn l-aħwa jikkwietaw, għaliex qabel inqalgħet din il-biċċa huma qatt ma kellhom inkwiet bejniethom.[42] Ix-xhud qalet li minkejja li ma tafx min minn ħutha kien issellef flus mingħand il-ġenituri tagħha u kemm kienu l-ammonti li ssellfu, min kellu bżonn l-għajnuna tal-ġenituri għamel dan minħabba li kien fil-bidu tal-ħajja miżżewġa tiegħu. Ix-xhud qalet li ħuha Mario huwa involut fin-negozju, u li l-flus li ssellef mingħand ommu ħadhom għal skopijiet ta' negozju.

---

[42] Fi kliem ix-xhud: "[j]ien nixtieq jekk inhu *due* li jingħata l-imgħax neħodhom bl-imgħax, jien mhux qed ngħid flusi narmihom, imma qed ngħid importanti naraw issa kif il-ħaġa tinqata' u kif tinqata' basta ma jkunx hemm *trouble."*

Il-kontroeżami ta' **Elizabeth Lofaro** tkompla waqt l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017[43], fejn ġiet mistoqsija jekk tafx bid-dokument esebit *a fol.* 169 tal-proċess, li permezz tiegħu l-ġenituri tagħha taw struzzjonijiet lil bank fl-Awstralja sabiex flus investiti li huma kellhom hemmhekk jitħallsu lil ħuha Saviour. Ix-xhud wieġbet li hi ma kienet taf xejn dwar dan id-dokument. Ix-xhud spjegat li minkejja li ommha kienet tgħidilha li silfet somom ta' flus lil ħutha, qatt ma kienet tagħtiha d-dettalji dwar minn liema kontijiet kienet tiġbed il-flus jew l-ammonti li kienet tislef. Ix-xhud qalet li l-flus li ommha silfet lil Mario kienu intiżi biex hi taħdem bihom, fis-sens li hi xtaqet li tirċievi imgħax fuqhom li kien ogħla mill-imgħaxijiet li jisilfu l-banek. Qalet li meta hi u ħutha ssellfu mingħand il-ġenituri tagħhom sabiex jibnu djarhom, dejjem issellfu ammonti żgħar, iżda fil-każ tal-konvenut, dan issellef għal skopijiet ta' negozju. Ix-xhud qalet ukoll li kienet hi li inkoraġġiet lil ommha taħdem b'dak il-mod, minħabba li hi ħasset li kien jaqblilha ddaħħal imgħax bil-5%, milli l-imgħaxijiet li kienu jagħtu l-banek dak iż-żmien fuq id-depożiti bankarji, li kienu jammontaw għal 3%. Ix-xhud qalet ukoll li ommha kienet silfet il-flus lill-konvenut għal perijodu ta' tliet snin, sakemm ilesti l-proġett ta' bini li kien qiegħed jaħdem fuqu, u l-ħsieb kien li wara dawn it-tliet snin, il-flus jitħallsu kollha lura. Madanakollu żiedet tgħid li wara li għaddew dawn it-tliet snin, il-konvenut kien għadu ma ħallasx l-ammont dovut minnu. Ix-xhud ġiet murija kopja ta' *sanction letter* maħruġa mill-bank favur il-konvenut rigward self li hu talab li jieħu mill-bank, fejn ir-rata tal-imgħaxijiet fuq is-self kienet ser tkun bl-4.95%. Ix-xhud madanakollu wieġbet li hi ma kienet taf xejn dwar dan, u ommha kienet ikkonvinċiet ruħha li għandha tislef ammonti sostanzjali ta' flus lill-konvenut minħabba li r-rata ta' imgħaxijiet li ħuha Mario kien wegħedha li

[43] *A fol.* 237 tal-proċess.

ser iħallasha, kienet ogħla mir-rata mħallsa mill-banek fuq id-depożiti bankarji. Ix-xhud qalet li lilha ommha qatt ma qaltilha li kien hemm xi żmien fejn lill-konvenut kienet qaltlu biex ma jħallashiex aktar imgħaxijiet.

Permezz ta' nota tal-5 ta' Mejju, 2017, il-konvenut ippreżenta kopja ta' kuntratt tas-26 ta' Jannar, 1990 fl-atti tan-Nutar Dr Victor Bisazza, li permezz tiegħu l-kumpannija T&M Holdings Limited akkwistat proprjetà fi Triq Għar id-Dud, Sliema[44]; kopja ta' kuntratt tad-29 ta' Novembru, 2012 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar li permezz tiegħu l-konvenut akkwista proprjetà fi Triq il-Mensija, The Gardens, San Ġiljan[45]; kopja ta' kuntratt tal-4 ta' April, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi li permezz tiegħu l-konvenut biegħ porzjon art ġewwa Ħal Balzan[46]; kopja ta' kuntratt tal-4 ta' April, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi li permezz tiegħu l-konvenut akkwista proprjetà f'Ħal Balzan[47]; kopja ta' *sanction letter* maħruġa mill-Bank of Valletta plc fis-16 ta' Marzu, 2011 lill-konvenut dwar self prospettat b'rata ta' imgħax ta' 4.95%[48]; u *sanction letter* oħra maħruġa mill-istess bank fis-16 ta' Marzu, 2011 lill-konvenut dwar self prospettat ukoll b'rata ta' imgħax ta' 4.95%.[49]

Il-kontroeżami ta' **Elizabeth Lofaro** tkompla waqt l-udjenza tal-5 ta' April, 2017[50], fejn sostniet li hija dejjem inkoraġġiet lil ommha tislef il-flus lill-konvenut bir-rata ta' 5% minħabba li kien jaqbel kemm lilha, minħabba li l-imgħaxijiet fuq id-depożiti dak iż-żmien kienu bir-rata ta' 3%, kif ukoll lill-konvenut, minħabba li l-imgħaxijiet fuq is-self dak iż-żmien kienu bir-rata ta'

[44] *A fol.* 247 tal-proċess.
[45] *A fol.* 250 tal-proċess.
[46] *A fol.* 255 tal-proċess.
[47] *A fol.* 258 tal-proċess.
[48] *A fol.* 261 tal-proċess.
[49] *A fol.* 266 tal-proċess.
[50] *A fol.* 273 tal-proċess.

8%. Madanakollu qalet ukoll li hi qatt ma ħadet self għaliha personali, u għalhekk ma kinitx taf dawn l-affarijiet mill-esperjenza tagħha mal-banek. Ix-xhud qalet li hi u ħutha għamlu diversi offerti lill-konvenut dwar kif kellu jitħallas lura dan is-self, iżda f'punt minnhom hu qal li kien ser jiddepożita dawn il-flus il-Qorti. B'riferiment għall-*affidavit* tal-konvenut u l-istqarrija tiegħu li hu silef ammonti ta' flus lil ħuh Alfred, kif ukoll għamel perijodu ta' sentejn jgħaddilu LM60 fil-ġimgħa, ix-xhud qalet li hi ma tafx b'dawn l-arranġamenti, għalkemm ikkonfermat li ħuha Alfred kien importatur tal-frott u kien għamel perijodu ta' sentejn imur fuq il-lant tal-bini li kellu tiela' l-konvenut sabiex jissorvelja l-ħaddiema. Ix-xhud qalet li meta ħuha Saviour kien informa lin-Nutar Vella li l-atturi kienu disposti jaċċettaw sehemhom mill-kapital mingħajr imgħax, dan kien qal hekk minħabba li hi kienet għadha ma ħarġitx id-dokumenti li kellha fil-pussess tagħha, li skont hi kienu jindikaw li ommha silfet il-flus lil ħuha bl-aspettattiva li tieħu l-imgħax fuqhom.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Lilian Falzon**[51], li qalet li hija kienet damet tgħix ġewwa l-Istati Uniti madwar 25 sena. Ix-xhud qalet li fil-bidu li hija kienet marret tgħix fi New York, kellha diskussjoni ma' ommha dwar proprjetà li kienet xtrat, u ommha kienet issuġġeritilha li għax-xiri tal-proprjetà seta' jgħinha ħuha. Qalet li fil-fatt il-konvenut kien għenha billi silifha ammont ekwivalenti għal £36,000 (sterlina). Dwar is-self li sar lill-konvenut minn ommha, ix-xhud qalet li ommha kienet tal-fehma li jekk xi ħadd seta' jiggwadanja billi jieħu self mill-flus li kellhom il-ġenituri, kellu jsir hekk, anki sabiex hi setgħet tibbenefika minn rata ta' imgħax fuq flusha, li kienet aħjar mir-rata li kienu qegħdin joffru l-banek, filwaqt li wliedha setgħu

[51] *A fol.* 283 tal-proċess.

jiffrankaw mill-imgħax fuq is-self. Ix-xhud qalet li hi ġiet lura Malta fl-2008 wara li miet ħuha Alfred, u dak iż-żmien ommha kienet qaltilha li jekk tmur tgħix magħha, kien ser jinqala' l-inkwiet mal-konvenut, u għalhekk kienet marret tgħix ma' oħtha Elizabeth. Ix-xhud qalet li l-aħwa bl-ebda mod ma kienu ftiehmu li ma kellhomx jitħallsu l-imgħax fuq il-flus li kien issellef il-konvenut mingħand ommhom.

Il-kontroeżami ta' **Saviour Falzon** sar waqt l-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017[52], li qal li għamel diversi perijodi tul ħajtu jgħix barra minn Malta. Qal li meta fl-1985 mar l-Awstralja, hu kien issellef xi flus mingħand ommu minħabba li kellu bżonn jixtri xi għamara għad-dar li mar joqgħod fiha, u dak iż-żmien ommu kienet silfitu l-flus mingħajr imgħax. Qal ukoll li hu kien ħassu obbligat li jroddilha l-flus malajr kemm jista' jkun sabiex hi ma titlifx l-imgħaxijiet, u sa Frar tal-1986, hu kien diġà raddilha l-flus lura. Ix-xhud qal li hu ma jafx li ommu kellha investiment f'bank Awstraljan li ġie likwidat sabiex setgħet tisilfu l-flus li kellu bżonn, għalkemm qal li jum fost l-oħrajn mar il-bank u sab il-flus fil-kont tiegħu. Ix-xhud qal li hu sar jaf li l-konvenut kien inħatar prokuratur sabiex ikun jista' jamministra l-beni tal-ġenituri tiegħu, waqt żjara li ħuh kien għamel ġewwa Sydney, meta kien talbu jiffirma l-prokura, u x-xhud iffirmaha. Ix-xhud qal li wara l-mewt ta' ommu, hu kien staqsa lill-konvenut jekk kellux bżonn xi għajnuna bid-denunzja tagħha, u dan kien qallu li kien qiegħed jieħu ħsieb kollox hu. Żied jgħid li meta għaddew għadd ta' xhur u ħadd mill-aħwa ma kien sema' xejn, xi ħadd mill-aħwa kien qajjem il-kwistjoni minħabba l-biża' li jekk l-att tal-*causa mortis* ma jiġix ippubblikat sa ċertu żmien, l-aħwa setgħu jeħlu l-penali. Qal li f'Mejju tal-2013, hu u ħuh Paul kienu marru għand in-Nutar Nicolette Vella sabiex jaraw

[52] *A fol.* 292 tal-proċess.

l-affarijiet fiex kienu waslu, u waqt dik il-laqgħa n-Nutar kienet infurmathom li l-konvenut kien taha struzzjonijiet sabiex twaqqaf ix-xogħol relatat mal-att *causa mortis* minħabba li fid-diskors tal-baġit tas-sena 2012 kienu tħabbru miżuri marbuta mas-suċċessjoni ta' residenzi matrimonjali u l-konvenut kien xtaq li jistenna sabiex jara jekk hu u ħutu kinux ser jiġu affettwati b'dawk il-miżuri. Ix-xhud kompla jgħid li minn dak li kienet qaltilhom in-Nutar Vella dakinhar, kien irriżulta li hu u ħutu kienu tilfu t-tnaqqis li setgħu jibbenefikaw minnu li kieku għamlu l-*causa mortis* fi żmien sitt xhur, u dakinhar in-Nutar Vella kienet tathom ukoll kopja tal-bilanċi tal-kontijiet bankarji ta' ommhom. Ix-xhud qal ukoll li problema oħra li kellha tiffaċċja in-Nutar Vella kienet li l-valutazzjonijiet tal-proprjetà immobbli li taha l-konvenut ma kinux iffirmati minn perit, iżda kienu valutazzjonijiet li kien għamel hu. Żied jgħid li kien f'dik il-laqgħa li n-Nutar Vella kienet semmiet li kien hemm is-somma ta' LM80,000 li kellhom jinqasmu bejn kulħadd, u n-Nutar kienet saret taf b'dawn il-flus minn dak li kien qalilha l-konvenut. Ix-xhud qal li dik kienet l-ewwel darba li hu u ħuh Paul kienu semgħu b'dawn il-flus, u min-naħa tagħhom kienu marru jgħidu lil ħuthom, li ukoll ma kinux semgħu bihom. Ix-xhud qal li l-aħwa kienu ddeċidew li jitolbu aktar informazzjoni dwar dawn il-flus mingħand in-Nutar Vella, partikolarment minħabba li ma kinux jafu jekk il-flus ġewx mislufa bl-imgħax jew le. Żied jgħid li ħuh baqa' qatt ma ta risposta ċara dwar dan is-self, u l-informazzjoni huma kienu skoprewha ftit ftit, partikolarment wara li oħtu Phyllis Falzon kienet sabet *notebook* li ommu kienet iżżomm bin-notamenti. Ix-xhud kompla jgħid li f'Diċembru hu kien mar għand l-avukat sabiex jieħu parir dwar il-validità ta' dan id-dokument, iżda in vista tal-fatt li dan in-*notebook* la kien iffirmat minn ommu u lanqas minn ħuh Mario, l-avukat kienet infurmathom li dak id-dokument ma kienx jikkostitwixxi prova legali

dwar dak li ġie miftiehem. Ix-xhud qal li għall-ħabta ta' Jannar, waħda minn ħutu kienet infurmatu li oħthom Elizabeth kellha dokument li seta' jitfa' dawl fuq il-ftehim li kien sar bejn ommhom u Mario, u dan id-dokument kien iffirmat kemm minn ommhom kif ukoll mill-konvenut. Qal li dak iż-żmien kien inqala' diżgwid bejn l-aħwa minħabba li wara li l-konvenut ta żewġ ċekkijiet lin-Nutar Vella u x-xhud u ħuh Paul ma aċċettawhomx, il-konvenut beda jgħidilhom li kien ser jiddepożita l-ammont ta' LM80,000 il-Qorti, u ħadd mill-aħwa ma xtaq jidħol il-Qorti. L-attur Saviour Falzon qal li sa Jannar tal-2014 il-ħsieb tal-atturi kien għadu li jieħdu l-flus mingħajr imgħax, minħabba li dawn kienu tal-fehma li ma kellhomx bażi legali soda fuq xiex jippretendu l-ħlas tal-imgħax. Żied jispjega li meta lejn l-aħħar ta' Jannar tal-2014, oħthom Elizabeth kienet uriethom dokument li fih kienet tissemma' l-kelma "imgħax", l-atturi bdew jippretendu li apparti s-somma ta' LM80,000, il-konvenut kellu jħallas ukoll l-imgħax. Ix-xhud kompla jgħid li l-atturi kienu avviċinaw lill-konvenut għall-ħabta ta' Marzu tal-2014, u kienu talbuh jikkonferma jekk kienx hemm imgħax dovut lilhom fuq dawn il-flus. Ix-xhud qal li dakinhar il-konvenut kien weġibhom li ommu kienet ħafritlu l-imgħaxijiet. Ix-xhud speċifika li meta hu kien informa lin-Nutar Vella li l-aħwa kienu lesti li jaċċettaw is-somma mingħajr imgħax, hu qal dan minħabba li sa dakinhar l-atturi ma kellhom l-ebda prova solida li ommhom kienet silfet il-flus bl-imgħaxijiet fuqhom. Ix-xhud qal li kien intlaħaq ftehim bejn l-atturi, li huma kellhom jagħmlu għadd ta' proposti lill-konvenut dwar il-ħlas tal-imgħax, liema proposti iżda ma ġewx aċċettati mill-konvenut.

Il-konvenut ippreżenta permezz ta' nota d-dokument datatat 22 ta' Ġunju, 2017)[53], li fih dettalji dwar flejjes li l-konvenut kien ħallas għall-kura u għall-

[53] *A fol.* 303 tal-proċess.

funeral ta' ommu; dettalji dwar flus li huwa radd lura lil ommu mill-flus li kien issellef mingħandha; kif ukoll dettalji dwar flus li hu silef lil tnejn minn ħutu, ċjoé lil Lilian Falzon u lil Alfred Falzon. Sfortunatament il-kontroeżami tal-konvenut fir-rigward ta' dan id-dokument ma setax isir, minħabba li l-atturi infurmaw lill-Qorti li l-konvenut għandu problemi ta' saħħa, tant hu hekk li ma jistax jikkomunika verbalment, u minkejja il-proċeduri odjerni bejn il-partijiet, uħud mill-atturi xorta waħda qegħdin iduru bih u jagħtuh l-assistenza kollha li għandu bżonn.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti kkonsidrat il-provi u x-xhieda li nstemgħu fil-kors ta' dawn il-proċeduri, sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar jekk fuq is-somma ta' LM80,000 li fil-mument tal-mewt tal-omm kienu fdati b'titolu ta' self fil-pussess l-konvenut, humiex dovuta imgħaxijiet jew le. Il-Qorti semgħet lill-atturi jgħidu kif kien biss wara l-mewt ta' ommhom, meta nbdew il-proċeduri għall-apertura tas-suċċessjoni tagħha, li saru jafu li l-konvenut kien issellef ammont sostanzjali ta' flus mingħand ommu, liema ammont ta' flus kien jammonta għal LM80,000, u din l-informazzjoni saru jafu biha mingħand in-Nutar Nicolette Vella li kienet qiegħda tieħu ħsieb il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' ommhom, wara li kien il-konvenut stess li kien informa lin-Nutar Vella li huwa kellu dawn il-flus fil-pussess tiegħu. Jidher li kienet din l-informazzjoni li wasslet għall-kwistjoni odjerna, għax minkejja li l-atturi talbu lill-konvenut jagħtihom aktar informazzjoni dwar dan is-self, u jekk huwa kellux iħallas

imgħax fuqu, dan baqa' ma tax dettalji lil ħutu, għalkemm dejjem insista li l-ebda ħlas ta' imgħaxijiet mhuwa dovut lil ħutu.

Jirriżulta li l-partijiet huma familja ta' disa' aħwa, b'wieħed minnhom, Alfred Falzon, li ġie nieqes, u f'dawn il-proċeduri s-sehem tiegħu mill-eredità tal-ġenituri huwa rappreżentat mit-tliet uliedu. Il-Qorti semgħet lill-partijiet jixhdu dwar kif fil-familja tagħhom, kull min kellu diffikultajiet finanzjarji, partikolarment fiż-żmien meta xi wieħed mill-ulied miżżewġin kien ser jiżżewweġ jew jixtri daru, dawn dejjem sabu l-għajnuna tal-ġenituri tagħhom li kienu jisilfuhom l-flus li kien ikollhom bżonn, mingħajr ebda pretensjoni għall-ħlas tal-imgħax. Jirriżulta wkoll li kien hemm uħud mill-aħwa, partikolarment Alfred Falzon, li llum huwa mejjet, kif ukoll Lilian Falzon, li għamlet żmien twil tgħix barra minn Malta, li meta għaddew mid-diffikultajiet finanzjarji tagħhom, sabu l-għajnuna ta' ħuhom Mario Falzon il-konvenut, li kien silifhom ammonti sostanzjali ta' flus. Il-konvenut jgħid li l-flus li kien silef lil ħuh Alfred Falzon baqgħu ma tħallsux lura, u l-konvenut kien ħafer dan id-dejn ta' ħuh proprju meta Alfred Falzon kien qiegħed imut. Il-konvenut kien bniedem tan-negozju, li apparti li kien imexxi aġenzija tal-ivvjaġġar, kien involut ukoll fis-settur tan-negozju tal-bini. L-attriċi Elizabeth Lofaro, matul iż-żmien twil li damet taħdem mal-konvenut, kienet tkun taf ħafna affarijiet dwar in-negozju li kien jagħmel ħuha, kif ukoll kienet baqgħet viċin ħafna tal-ġenituri tagħha, partikolarment ta' ommha, li kienet tgħidilha b'kollox. Il-Qorti semgħet kif minkejja li wħud mill-atturi xehdu li kien biss wara l-mewt ta' ommhom li saru jafu bis-self inkwistjoni lill-konvenut, Elizabeth Lofaro kienet ilha taf li ommha silfet ammont ta' flus sostanzjali lil ħuha Mario Falzon, u saħansitra kienet inkoraġġiet lil ommha tidħol għal dan l-arranġament minħabba li l-imgħax li

kien ser iħallas Mario Falzon lil ommhom fuq dan is-self, kien ser jissupera l-imgħaxijiet imħallsa mill-banek fuq depożiti bankarji u għalhekk dan l-arranġament kien jaqbel kemm lill-konvenut, kif ukoll lil ommhom. Minn dak li setgħet tistabbilixxi l-Qorti jirriżulta wkoll li minkejja li dak li kienet taf Elizabeth Lofaro kellu jkun kruċjali fid-deċiżjonijiet li kellhom jieħdu l-atturi fir-rigward ta' dak li kien dovut lilhom mill-konvenut, għal xi raġuni din iddeċidiet li ma tinfurmax lil ħutha b'dan is-self u bil-ftehim bejn il-konvenut u ommhom li għal dan is-self kellu jsir ħlas ta' imgħax bir-rata ta' 5%. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Saviour Falzon fejn qal li kemm hu kif ukoll ħuh Paul saru jafu b'dan l-arranġament meta marru jkellmu lin-Nutar Nicolette Vella meta raw li l-kwistjoni tal-apertura tas-suċċessjoni ta' ommhom kienet qed titwal. Saviour Falzon xehed ukoll li meta informa lil ħutu bit-LM80,000, dawn ilkoll qalu li ma kienu jafu xejn b'dan l-arranġament. Minkejja li Elizabeth Lofaro kienet taf b'dan l-arranġament u kienet taf bid-dettalji tiegħu, minħabba li kienet qrib ħafna kemm ta' ħuha Mario Falzon li għal 23 sena sħaħ ħadmet bħala impjegata miegħu, kif ukoll ta' ommha, hija ddeċidiet li żżomm id-dettalji li kienet taf mistura minn ħutha, u għal perijodu ta' żmien ma qalet lil ħadd bid-dokument li kien fil-pussess tagħha, liema dokument kellu jitfa' aktar dawl dwar dak li verament kien ġie miftiehem bejn il-konvenut u ommu. Minkejja li dan id-dokument kien fil-pussess tagħha, Elizabeth Lofaro ippermettiet sitwazzjoni fejn għal għadd ta' xhur ħutha bdew jinfurmaw lin-Nutar Vella li kienu disposti li jaċċettaw il-ħlas tal-kapital fl-ammont ta' LM80,000 mingħand il-konvenut, mingħajr imgħaxijiet fuqu, minħabba li ma kellhom ebda prova ċara li tindika li fuq dan l-ammont il-konvenut kien obbliga ruħu li jħallas imgħax bil-5%. Il-Qorti hija konvinta però, kemm mill-iskambju ta' korrispondenza li kien hemm man-Nutar Nicolette Vella, u li ġiet esebita fl-atti

ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll minn dak li xehdu wħud mill-atturi, li l-intenzjoni tal-atturi dejjem kienet li f'każ li jirriżulta li l-ftehim bejn il-konvenut u ommhom kien li dan iħallas imgħax fuq il-flus mislufa lilu, huma kienu qegħdin jippretendu li jieħdu l-kapital flimkien mal-imgħax mingħand il-konvenut. Mill-provi jirriżulta ċar li l-atturi qatt ma kellhom l-intenzjoni li jaħfru l-imgħaxijiet jew li jirrinunzjaw għalihom, iżda riedu li qabel jiftħu xi forma ta' proċeduri jew jinsistu għall-ħlas tal-imgħaxijiet, ikollhom prova soda li dawn l-imgħaxijiet fil-fatt kienu dovuti.

Minkejja dawn il-kontradizzjonijiet u x-xhieda konfliġġenti li ngħatat, il-Qorti setgħet tapprezza li l-partijiet ġejjin minn familja kbira, fejn minkejja li kulħadd ħa triqtu fil-ħajja, tant hu hekk kien hemm min daħal għal vokazzjoni reliġjuża, min rabba familja, min fetaħ negozju hawn Malta, u oħrajn li emigraw u stabbilew ħajjithom lil hinn minn xtutna, madanakollu għal perijodu twil ta' żmien, u b'mod partikolari min-naħa tal-atturi, kien hemm rispett kbir għal dak kollu li jgħaqqadhom, għat-trobbija tajba li tawhom il-ġenituri tagħhom, kif ukoll il-biża' li setgħu jitlewmu bejniethom jew jispiċċaw bi kwistjonijiet il-Qorti.

Il-Qorti semgħet lil Phyllis Falzon, waħda mill-atturi, tixhed kif hi kienet imħassba dwar il-fatt li ħutha għażlu li jibagħtu ittra uffiċjali lill-konvenut, u saħansitra qalet li lil hinn mill-eżitu ta' dawn il-proċeduri, l-aktar ħaġa importanti għaliha hija li l-aħwa ma jitlewmux bejniethom. Anki quddiem iċ-ċirkostanzi sfortunati li sab ruħu fihom il-konvenut dan l-aħħar, jidher ċar li minkejja dak kollu li ntqal f'dawn il-proċeduri u minkejja din il-pendenza bejn il-partijiet, il-konvenut sab l-assistenza li għandu bżonn mingħand ħutu, fattur dan li jixhed li l-aħwa dejjem sabu wens f'xulxin kemm meta nqalgħu

ċirkostanzi ta' mard, kif ukoll meta kien hemm min kellu bżonn għajnuna finanzjarja.

Il-Qorti semgħet bosta mill-atturi jixhdu kif meta kellhom diffikultajiet finanzjarji f'ħajjithom dejjem sabu l-għajnuna tal-ġenituri, li kienu jisilfuhom ammonti ta' flus sakemm iqumu fuq saqajhom, u dawn il-flus dejjem ġew mislufa mingħajr imgħaxijiet. M'hemmx dubju li s-somma flus li ġiet mislufa lill-konvenut kienet waħda ferm aktar sostanzjali mill-ammonti li jidher li rċevew uħud minn ħutu b'self mingħand il-ġenituri, u jirriżulta li dan is-self ingħata lilu f'punt f'ħajtu fejn huwa kien diġà stabbilit fin-negozju, u kien qiegħed ifittex li jespandi l-operat tiegħu bl-akkwist ta' għadd ta' proprjetajiet immobbli. Min-*notebook* li l-omm kienet iżżomm bin-notamenti dwar flus u depożiti oħra li kellha, jirriżulta li hija kienet silfet is-somma ta' LM80,000 lill-konvenut. Jirriżulta wkoll li kien il-konvenut li ħejja skrittura li fiha ta d-dettalji dwar dan is-self, kif ukoll kemm kellha tkun ir-rata tal-imgħax li titħallas minnu fuq dan l-ammont, tant hu hekk li jirriżulta li wara sena hu kien ħallas is-somma ta' LM2,750 lil ommu bħala mgħaxijiet. Ix-xhud Elizabeth Lofaro spjegat lill-Qorti kif hi kienet inkoraġġiet lil ommha tasal f'dan l-arranġament mal-konvenut, minħabba li skont hi dan l-arranġament kien jaqbel kemm għall-konvenut, li kien ser jiffranka l-interessi bankarji b'rata ogħla milli kienet titħaddem dak iż-żmien, filwaqt li ommha kienet ser tibbenefika minn ħlas ta' mgħax li kien jissupera dak li kienu jħallsu l-banek fuq id-depożiti bankarji. Huma bosta l-fatturi li jindikaw li l-intiża tal-omm kienet li minn dan is-self hija ddaħħal xi ħaġa tal-imgħaxijiet, f'perijodu ta' żmien fejn il-banek bdew inaqqsu sew ir-rati tal-imgħaxijiet li jħallsu fuq id-depożiti bankarji. Jirriżulta wkoll li dan is-self il-konvenut kien ħadu għal skopijiet ta' negozju, f'perijodu f'ħajtu fejn kien diġà stabbilit tajjeb fin-negozju u altru milli kien għadu jibda

d-dinja, u kien qiegħed ifittex li jespandi l-operat tiegħu bl-akkwist ta' proprjetajiet oħra ma' li kellu. Jirriżulta wkoll li wara l-mewt tal-missier, il-konvenut daħal biex jiġġestixxi wħud mill-beni tal-ġenituri tiegħu, tant li kien jiġġestixxi xi proprjetajiet immobbli li dawn kellhom, kellu prokura ta' ommu u kien ikun jaf bl-investimenti li kellhom il-ġenituri tiegħu. Hu minn ewl id-dinja li l-omm kienet tafdah u kienet saħansitra ħalliet miegħu somma flus li kellha tintuża sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-funeral tagħha. Il-Qorti semgħet lill-konvenut jgħid li meta ommu kellha bżonn li tagħmel xi interventi kirurġiċi fi sptar privat, kien hu li għamel tajjeb għall-ispejjeż. Iżda tqis li hu ferm aktar verosimili dak li xehdu wħud mill-atturi li ommhom qatt ma riedet obbligazzjonijiet ma' ħadd minn uliedha, u jekk stess il-konvenut ħareġ iċ-ċekkijiet għall-ħlas tal-isptarijiet, ommhom kienet ħallsitu tagħhom. Barra minn hekk minkejja li l-konvenut qal li ommu kienet ħafritlu l-imgħaxijiet miftiehma bir-rata ta' 5%, minn imkien ma jirriżulta xi ftehim bil-miktub fejn l-omm irrinunzjat għall-ħlas ta' dawn l-imgħaxijiet, kif jallega l-konvenut. Anki dwar il-ħlas ta' LM2,000 li l-konvenut jallega li ommu ma aċċettatx meta ddeċidiet li taħfirlu l-imgħaxijiet li kellhom jitħallsu minnu fuq is-self, ma jirriżultax li l-omm qalet lill-konvenut li hi ma riditx dawk il-flus, iżda kienet ħadet LM1,000 minnhom, u talbet lill-konvenut iżomm l-LM1,000 l-oħra sabiex bihom ikun jista' jħallas għall-ispejjeż tal-funeral tagħha. Huma dawn il-fatturi li jnisslu fil-Qorti l-konvinċiment meħtieġ li ommu altru milli qaltlu li ma riditx l-imgħaxijiet fuq flusha, riedet li tamministra kif xtaqet hi l-introjtu minn fuq dan is-self, li wara kollox kellu jitħallas lura lilha mill-konvenut fi żmien tliet snin, u li għadu ma tħallasx sal-lum, fuq ammissjoni tal-konvenut stess li wara li ġiet nieqsa ommu kien informa lin-Nutar Nicolette Vella li hu kellu dan l-ammont ta' flus fil-pussess tiegħu.

Fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jakkampa ma' dispożizzjoni testamentarja fit-testment *unica charta* tal-ġenituri tiegħu, li permezz tagħha l-ġenituri tal-partijiet eżentaw lil uliedhom mill-obbligu li jikkonferixxu fil-massa ereditarja dak kollu li huma jkunu ħadu mingħand il-ġenituri tagħhom tul ħajjithom. Madanakollu kif diġà ġie stabbilit, is-self li l-konvenut ħa mingħand ommu ħadu għal perijodu ta' tliet snin, u hu kien obbligat li jħallas imgħaxijiet bir-rata ta' 5% lil ommu għal dawk it-tliet snin. Jirriżulta li l-konvenut ma raddx is-somma mislufa lilu la wara tliet snin u lanqas wara dawn is-snin kollha, minkejja dak li kien ġie pattwit, u għalhekk l-imgħaxijiet fuq l-ammont li għadu mhux imħallas, baqgħu dovuti. Ċertament li meta l-ġenituri tal-partijiet iddisponew minn ġidhom skont it-testment *unica charta* tagħhom, ma kellhom l-ebda ħsieb li jħallu lil wieħed minn uliedhom jibbenefika minn parti sostanzjali tal-assi likwidi li huma kellhom a skapitu ta' ħutu l-oħra, jew li dan ma jonorax il-ftehim li kien laħaq ma' ommu li bis-self ta' dawk il-flus kellha l-ħsieb li tibqa' tħaddem flusha aħjar milli kieku ħalliethom investiti fil-bank, b'mod li jkun anki vantaġġuż għal binha.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**
2. **Tiddikjara illi hija dovuta s-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u ħames Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€20,705.45) lil kull wieħed u waħda mill-atturi ħlief għall-atturi Daniela Falzon, Graziella Falzon u**

**Edward Falzon, rappreżentanti sehemhom mis-somma mislufa lill-konvenut minn ommhom Annunziata Falzon u li tirrappreżenta sehemhom mill-kwota ereditarja spettanti lilhom mis-somma mislufa minn ommhom lill-konvenut flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata annwali ta' ħamsa fil-mija (5%) mis-sena 2008;**

3. **Tiddikjara illi hija dovuta s-somma ta' sitt elef, disa' mija u Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€6,901.82) lil kull wieħed u waħda mill-atturi Daniela Falzon, Graziella Falzon u Edward Falzon, rappreżentanti sehemhom mis-somma mislufa lill-konvenut minn nannithom Annunziata Falzon, u li tirrappreżenta sehemhom mill-kwota ereditarja spettanti lilhom mis-somma mislufa minn nannithom lill-konvenut flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata annwali ta' ħamsa fil-mija (5%) mis-sena 2008;**

4. **Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lil kull wieħed u waħda mill-atturi s-sehem spettanti lil kull wieħed jew waħda minnhom mis-somma mislufa flimkien mal-imgħaxijiet hekk kif likwidati;**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-5 ta' Mejju, 2014 u bl-imgħaxijiet dovuti sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.**

Moqrija.